# Min pitter l-Kwadru titulari ta' l-Assunta meqjum fir-Rotunda tal-Mosta?



*Kitba ta' Manwel D. Schembri*
*B.A.(Gen.), Dip. Rel. Stud., B.A.Rel. Stud.*

Fil-ktieb "The Iconography of the Maltese Islands - 1400-1900" (1987) li jittratta dwar il-pittura u l-pitturi ta' dawk il-500 sena, l-awtur Mario Buhagiar, fost ħwejjeġ oħra, jitkellem dwar il-pittura titulari ta' l-Assunta meqjuma b'għożża fil-Knisja Parrokkjali tal-Mosta. Il-kummenti huma qosra u xotti. Jgħid li dan ix-xogħol huwa attribwit lil Baskal Buhagiar bla ma jgħid minn min.

Ngħidlu jien. Mit-tradizzjoni! Mit-tradizzjoni li twasslet lilna bil-fomm u b'għożża minn missirijietna. Fuq xi ħaġa dit-tradizzjoni nbniet - żgur mhux fuq ix-xejn. Nafu li Baskal Buhagiar primarjament kien skultur tajjeb fil-ġebla Maltija. Biex lil skultur tattribwixxi pittura għalih, mhux faċli. U l-fatt li din l-attribuzzjoni saret u waslet sa żmienna tindika egħruq fis-sod.

Mario Buhagiar jikkwota lil D.A.C. "L-Inkurunazzjoni ta' l-Assunta - 10 ta' Awissu 1975" f'*E.B. Vella u oħrajn STORJA TAL-MOSTA BIL-KNISJA TAGĦHA*, u jgħid li l-pittura saret fl-1678, u ġiet restawrata fl-1827 minn Ġużeppi Hyżler li skond Mario Buhagiar seta' pinġa mill-ġdid xi dettalji. Xtaqt flok ipotesi vaga sibt dettalji ta' x'seta' pinġa mill-ġdid Hyzler u xi jġiegħel lil Mario Buhagiar jaħseb hekk. Skond D.A.C. fl-artiklu diġà msemmi, kif Mario Buhagiar jikkwota fil-ktieb tiegħu ta' l-1987, fl-1860 il-pittura li qed niktbu dwarha 'tkabbret' minn Salvatore Barbara. Fl-edizzjoni ta' l-1989 tal-ktejjeb ippubblikat mis-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard tal-Mosta, jien kont ktibt dwar dan l-istess kwadru u kkummentajt dwar dan 'it-tkabbir.'

L-aktar parti evidenti tat-tkabbir tidher in-naħa 'l fuq mir-ras tal-Verġni



***Il-kwadru ta' l-Assunta*** *ta' Baskal Buhagiar, kif jidher illum fir-Rotunda, wara r-restawr ta' l-1975 minn Maurice Cordina*



*Iż-żjieda 'il fuq minn Ras il-Verġni. B'din iż-żjieda tbiddlet il-forma oriġinali tal-kwadru li minn rettangulari saret waħda b'nofs ċirku fuq nett.*

Mbierka fejn il-kulur dehbi tas-sema ġie miżjud biex tkompla n-nofs ċirku li żdied fuq nett biex il-kwadru mill-forma kwadra li jidher li kellu fil-knisja l-qadima ta' Tumas Dingli issa jkollu l-fuqani nofs tond fir-Rotunda ta' Grongnet. Din iż-żjieda tikkonsisti biss f'tila miżbugħa bl-istess kulur dehbi, sfumat 'il fuq, u hija għerja għal kollox.

Imbagħad, fil-parti t'isfel, l-aktar żewġ appostli 'l quddiem fil-kwadru u li qegħdin bil-wieqfa, jidher li oriġinarjament kienu sħaħ u mhux imħaxknin kif inhuma illum, mal-ġnub tal-kwadru b'mod li jidher li parti minn daharhom inqatgħet biex il-kwadru joqgħod fil-gwarniċ il-ġdid tar-Rotunda. Mela din il-parti tat-tkabbir li jsemmi Mario Buhagiar huwa fil-fatt 'tnaqqis'. L-appostlu bil-wieqfa wara San Pietru, li l-aktar li 'bata' b'dan it-tnaqqis huwa l-unika għaqda li teżisti bejn l-avveniment tal-kwadru u l-ispettatur għax qed jiffaċċja lil min jieqaf iħares lejn il-kwadru, waqt li juri b'idu l-leminija lill-Verġni Mtellgħa s-Sema. U propju din l-id il-leminija nħossha jien donnha żjieda. Ma naħsibx li meta l-pittura kienet ixxamplata fil-knisja l-qadima (u l-appostlu msemmi kien sħiħ) Baskal

Buhagiar pitter dik l-id b'mod li donnha tiżola (biex ma ngħidx taqta') l-irjus taż-żewġ appostli wara l-wieħed imsemmi. Hawnhekk inħoss l-indħil tar-restawratur Barbara. Ta' min jgħid ukoll li f'santi kbar bojod u suwed tal-kwadru msemmi kienu jidhru wkoll dijademi fuq l-irjus ta' l-appostli li għax kienu jidhru li kienu miżjuda minn xi wieħed mit-tliet restawraturi li jissemmew (Hyzler fl-1827, Barbara fl-1860 u ieħor fl-għoxrinijiet) tneħħew fl-1975 mir-Restawratur Maurice Cordina li ttanta jerġa jressaq il-kwadru lejn is-sbuħija li ħarġet minn idejn Baskal Buhagiar.



*L-Appostlu bil-wieqfa li l-aktar "bata" meta l-kwadru tkabbar u tnaqqas minn Salvatore Barbara fl-1860*

L-awtur Mario Buhagiar fil-ktieb imsemmi ppubblikat fl-1987 isemmi biss "ċerti merti f'donnu (*"apparent"* ) sintesi ta' elementi klassiċi u barokki" fil-kwadru bla ma jelenkahom. Għaliex "donnu"? Jgħid li l-istorja sfortunata tal-kwadru ma tħallix (*"does not allow"*) li jsir apprezzament kritiku serju. Possibbli??! Naqtgħu daqshekk għad-dritt??! Kien ikun aktar ġust Mario Buhagiar kieku qal li hu jħalli dan ix-xogħol diffiċli għal xi ħaddieħor kapaċi u li jinteressah!

U fl-aħħar nett, il-kwistjoni ta' l-attribuzzjoni ta' l-awtur tal-kwadru. Mario Buhagiar jgħid li din għadha miftuħa u sakemm jinstabu dokumenti li jippruvaw li dan sar minn Baskal Buhagiar, il-kwadru ta' l-Assunta tal-Mosta għandu jitqies bħala xogħol "ta' awtur mhux magħruf." **Ma naqbel XEJN ma' Mario Buhagiar** u nemmen li s-siloġiżmu mħaddem huwa wieħed żbaljat. Nemmen li t-tradizzjoni ta' l-attribuzzjoni tal-kwadru lil Baskal Buhagiar ma ġietx mill-ajru. Nemmen li din it-tradizzjoni li waslitilna fuq kwadru li għandu 'l fuq minn 300 sena sa llum mhux ta' min jarmiha. U għalhekk, **kontra dak kollu li kiteb Mario Buhagiar fl-1987,**

jien nemmen li ***sakemm jinstab dokument*** miktub u / jew evidenza oħra li turi / juru mod ieħor, **għandha tinżamm it-tradizzjoni qadima** li dejjem sostniet ***li l-Kwadru ta' l-Assunta*** meqjum fir-Rotunda tal-Mosta ***huwa xogħol ta' Baskal Buhagiar*** li għex fl-aħħar nofs tas-seklu sbatax u li kien magħruf l-aktar bħala skultur tajjeb fil-ġebla.


Riferenzi

BUHAGIAR Mario, *The Iconography of the Maltese Islands - 1400-1900, Painting,* Progress Press, Valletta, Malta 1987.

D.A.C., "L-Inkurunazzjoni ta' l-Assunta - 10 ta' Awissu 1975" f'E.B. Vella u oħrajn, *Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha,* Malta 1972.

CUTAJAR Dominic, "Artists of the Buhagiar and Zahra Families," *The TImes* (Malta) October 3, 1980.

SCHEMBRI Manwel D, "Il-kwadru ta' l-Assunta (1678) meqjum fir-Rotunda tal-Mosta" fis-*Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard Mosta 1989.*

Diversi artikli ppubblikati fil-ħarġiet t'Awwissu tal-gazzetta "Il-Mosta" ta' diversi snin mis-sena 1964 sa' llum, 1993, iffirmati Joseph BORG u J.B.